MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 935/2001/1

**Anthony DeGiovanni bhala Sindku flimkien ma' Alex Grima bhala Segretarju ghan-nom u in rapprezentanza tal-**
**Kunsill Lokali Fgura**

**vs**

**Mark Lombardo, u John Zammit bhala editur tal-gazzetta "In-Nazzjon Taghna"**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' April, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat li l-atturi pprezetaw avviz fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Novembru 2001 fejn talbu lil Qorti tikkundanna lill-Kunsill attur dik is-somma li

tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti li ma teccedix il-hamest elef lira Maltija (LM5,000) bhala danni ghal malafama skond l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) previa d-dikjarazzjoni li permezz tal-kontenut kollu ta' ittra lill-editur iffirmata mill-konvenut Mark Lombardo intitolata "ix-xoghol fi Triq Hompesch fil-Fgura" li giet ippubblikata mill-konvenut John Zammit bhala editor tal-gazzetta "In-Nazzjon Taghna fil-harga tat-23 ta' Awwissu 2001 f'pagna hdax (11) ta' l-imsemmija gazzetta (fotokopja annessa u mmarkata Dok A ) partikolarment il-kliem "…s-sur Degiovanni… ikun biss qed iqarraq u jipprova jinganna lill-Poplu tal-Fgura…" (fl-ewwel paragrafu); u "… ghal darb'ohra is-Sindku qed iqarraq…" (fir-raba paragrafu), illibellaw u mmalafamaw lill-Kunsill tal-attur billi attribwewlu fatti determinanti bi skop li jtelfu jew inaqsu r-reputazzjoni tal-Kunsill attur, u huma responsabbli ghal tali libel u malafama.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Illi nhar id-19 ta' Dicembru 2001 il-konvenuti pprezentaw in-nota ta' eccezzjonijiet taghhom fejn eccipew:

1. Illi ma hemm xejn libelluz fil-pubblikazzjoni fil-konfront tal-Kunsill Lokali tal-Fgura.

2. Illi f'kull kaz il-publikazzjoni mhiex libelluza billi tammonta ghal *'fair comment'* dwar fatti sostanzjalment korretti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar it-13 ta' Marzu 2002 xehed l-attur **Anthony Degiovanni** u esebixxa ħmistax-il dokument li gew mmarkati bhala Dok. AD1 sa AD15. Spjega li l-ilment tieghu jirrigwarda l-ittra li dehret fil-harga tal-gurnal In-Nazzjoni tat-23 ta'

Awwissu 2001, kopja ta’ liema giet esebita u markata bhala Dok. A mal-avviz nhar it-12 ta’ Novembru 2001, liema ittra kienet iffirmata minn Mark Lombardo Kunsillier. Qal li l-artikolu kollu huwa defamtorju fil-konfront tieghu fis-sens li jnaqqas mill-istima illi Kunsill ghandu ikollu mic-cittadin tal-Fgura.

Spjega illi din l-ittra li dehret fil-gurnal tat-23 ta’Awwissu hija ittra in risposta ghall-ittra precidenti tieghu li dehret fl-istess gurnal nhar il-5 ta’ Awwissu 2001 meta huwa kiteb l-ittra fil-kariga tieghu ta’ Sindku u fl-interess u ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Fgura (vide Dok. AD1). Spjega ulterjorment li anke din l-ittra li huwa kien kiteb fil-hmistax ta’ Awwissu 2001 huwa kien kitibha in rispost ta’ ittra ohra precidenti li kien kiteb il-konvenut Lombardo nhar is-7 ta’ Awwissu 2001(vide Dok. AD2). Huwa pero ccara ix-xhieda tieghu u qal li hassu malafamat bil-kontenut tal-ittra li hija esebita fl-atti u markata bhala Dok. AD1.

Jispjega illi l-kelma *‘jqarraq*’ uzata fil-konfront tieghu fil-fehma tieghu hija difamatorja u dan billi tfisser li huwa bhala Sindku tal-Fgura qed jattribwixxi fatti ta’ qerq kontra c-cittadini tal-Fgura. Jghid illi huwa qal illi ma kien hemm ebda intoppi bejn il-Kunsill tal-Fgura u d-Dipartiment tat-Toroq kif jirri\ulta mid-dokumenti AD3 u AD4 esebiti fl-atti a fol.23 et seq. u dan ghaliex minn ezami ta’ dawn l-ittri jirrisulta li kuntrarjament ghal dak li ntqal, kien hemm ftehim bejn il-Kunsill u id-Dipartiment tal-Toroq fuq ix-xoghol li kien ghaddej.

Illi min jaqra l-ittra fuq imsemmija li fil-fehma tieghu hija malafamanti jifhem illi l-Kunsill kappriccosament ma ridx jiftiehem mad-Dipartiment tat-Toroq fuq ix-xoghlijiet li kellhom isiru. Hemm ukoll parti ohra tal-itta u cioe it-tielet paragrafu taghha fejn din taghti x’jifhem illi S-sindku ghamel xi haga minn wara dar il-kunsilliera

l-ohra meta dan ma kienx minnu ghaliex kollox sar bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Jghid ukoll illi fil-fatt l-konvenut Mark Lombardo kunsillier fl-istess Kunsill qatt ma pprezenta xi mozzjoni ta' sfiducja fih.

Fil-paragrafu erbgha ta' l-istess ittra hemm referenza ohra ghal kelma '*qerq'* dan ghaliex zgur ma tirriflettix dak li kien qal fl-ittra tieghu tal-15 ta' Awwissu 2001. Huwa esebixxa ukoll dokument li gie markat bhala Dok. AD5 li hija ittra miktuba mill-Perit Demicoli li dwarha hemm referenza fl-ittra in kwistjoni. Huwa hass ruhu ingurjat ukoll bil-kliem hemm imnizzel fis-sens *"illi hemm indikat illi hemm allegazzjoni illi xi hadd ippretenda d-dritt li jimponi d-decizjonijiet li jmorru kontra r-rieda tal-poplu*". Ghid illi huwa qatt ma ircieva xi korrispondenza minn xi hadd li implikalu li huwa ma riedx jimplimenta r-rieda tal-poplu.

Jilmenta ukoll mis-sentenza, "*is-sur Degiovanni mhux biss webbes rasu kontra l-awtoritajiet tar-residenzi u tan-negozjati, izda qed ifixkel anke ix-xoghol li hemm mehtieg fi Triq Hompesch*." F'dan ir-rigward huwa esebixxa ittra mibghuta lilu bhala Sindku mid-dirigenti tal-GRTU datata 10 ta' Settembru 2001 (Dok AD6) fejn l-istess GRTU ammettiet mieghu illi kien hemm protesta tal-hwienet li ma kienitx ingabet a konjizzjoni tal-Kunsill. B'hekk ried ifisser illi il-Kunsill ma kienx f'posizjoni li jkun jaf b'xi ilmenti tan-negozjanti. F'nofs l-ittra imbaghad hemm referenza li s-Sindku ma jghamilx konsultazzjoni mal-pubbliku, din ukoll hija defamatorja fil-konfront tieghu 'l ghaliex huwa dejjem agixxa 'n rappresentanza tal-Kunsill. Huwa esebixxa Public Consultation Paper li kien ghamel mar-residenti tal-Fgura din giet mmarkata bhala Dok. D7. Esebixxa ukoll kwestjonarju li kien intbaghat lil kul resident tal-Fgura li gie markat bhala Dok. AD8, u fuljett li intbaghat lil kul resident tal-Fgura li kien jikkoncerna il-progett tal-Fgura nnifsu u dana sabiex effettivament ir-residenti

kollha ikunu jafu bil-progett qabel ma nbdew ix-xoghlijiet dan gie markat bhala Dok. AD9. Esebixxa ukoll dokument iehor li gie markat bhala Dok. AD10 li huwa fuljett iehor mibghut lir-residenti kollha fejn heggighom ighatu l-opinjonijiet taghhom peress illi ma kienx ircieva ‘*feed back’* minghandhom. Dok. AD11 huwa dokument li jindika li anke fuq affari ta’ sahha zamm laqgha ta’ konsultazzjoni.

Stqarr illi fl-1 ta’ Dicembru 2001 kienet saret laqgha ta’ konsultazzjoni mas-settur tan-negozju tal-lokalita tal-Fgura u esebixxa dokument li gie markat bhala Dok. AD12 bhala prova ta’ din il-laqgha.

Ikkonferma ukoll illi fl-10 ta’ April 2001 kienet saret laqgha tal-lokalita fejn gew mistiedna r-residenti kollha u prezenti ukoll kien hemm l-konvenut Lombardo. F’din l-istess laqgha ma kien hemm l-ebda persuna li opponiet il-proposti tal-Kunsill ghax-xoghol li kien ser isir fi Triq Hompesch. Anke fil-11 ta’ Gunju 2001 kienet saret laqgha ohra ghall-ghaqdiet tal-knisja biex ikun hemm konsultazzjoni pubblika anke dwar dan il-progett. Saret ukoll laqgha mal-kusilli tal-iskejjel sabiex il-Kunsill ighamel enfazi fuq l-impatt li tali progett kien ser ikollu fuq it-tfal ta’ l-iskola.

Finalment esebixxa ukoll il-minuti ta’ tlett laqghat mizmuma mill-Kunsill nhar is-17, it-18 ta’ Mejju 2001 u t-18 ta’ Lulju 2001 mad-Dipartiment tat-Toroq fejn kien hemm prezenti diversi entitajiet illi gew imsemmija mill-konvenut Lombardo fl-ittra tieghu. Ma jidhirx illi kien hemm xi entita li opponiet ghax-xoghol li kien ser isir.

Spjega illi dawn id-dokumenti li esebixxa huma kollha dokumenti pubblici u l-imputat Lombardo kellu access liberu ghalihom kemm bhala resident ta’ Fgura kif ukoll bhala kunsillier ta’ l-istess lokalita.

Jispicca x-xhieda tieghu billi jghid illi huwa dejjem agixxa ghan-nom u fl-interess tal-Kunsill u li l-artikolu imsemmi fil-gurnal li fuqu ghamel din il-kawza jattribwilu fatti defamatorji li mhumiex veri.

In kontro-ezami nhar is-26 ta' Jannar 2003 l-attur ighid illi fil-laqghat tal-minuti ma jirraportawx opinjonijiet personali tal-membri tal-Kunsill jew xi kumment illi jkunu ghamlu izda biss jirraportaw id-decisjonijiet li finalment ikunu ttiehdu mill-kumitat kif ukoll jindikaw il-proceduri li jkunu ttiehdu. Ikkonferma li dak in-nhar tat-12 ta' Gunju 2001 huwa kien ressaq mozzjoni dwar il-progress ta' Triq Hompesch u dan fil-kwalita tieghu ta' Sindku u dan ghamilha sabiex l-Membri tal-Kunsill ikollhom l-opportunita li jghidu jekk humiex favur jew kontra l-fatt li l-Kuntrattur li kien qed ighamel ix-xoghlijiet fi Triq Hompesch Fgura ikompli bix-xoghol minkejja li ma kienx ippresentalhom pjanta tal-progett. F'din il-laqgha l-konvenut Lombardo kien prezenti u ghall-ewwel kien ser iressaq emenda izda wara ftit iddecida l-kontra u baqa' sieket.

Mistoqsi in kontro-ezami fis-seduta tad-9 ta' April 2003 jekk qattx ghamel xi Mandat ta' Inibizzjoni kontra xi dipartiment tal-Gvern jew id-Direttur tat-Toroq, l-attur wiegeb li sal moment li nkitbet l-ittra li dwarha qieghda issir din l-kawza zgur li ma kienx ghamel.

Mistoqsi jekk iltaqax mal-Onorevoli Ministru Censu Galea u kellu xi ighid mieghu nhar l-14 ta' Lulju 2001, l-attur jghid li jiftakar li kien iltaqa' mieghu ghand l-Ambaxxata Franciza u dan kien qallu li l-kunsilli kienu qed idejquh u li kien ser jaqta' xi rjus izda hu ma kellux xi jghid mieghu.

Ikkonferma li l-ittra li dehret fil-gurnal nhar 15 ta' Awwissu 2001 esebita fl-atti a fol.22 kitibha hu fil-kwalita tieghu ta' Sindku u sahaq li ma kellux

bzonn l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jikteb ittra, ghaliex dan huwa dritt riservat lis-Sindku illi ghandu d-dritt illi jikteb biex imexxi ‘l quddiem il-*policies* tal-Kunsill. F’dan l-istadju esebixxa kopja tal-Kodici ta’ Etika (Dok. X a fol.58) illi tirreferi ghall- kunsilliera u ghas-Sindku b’mod partikolari ghall-artikoli 6.10, 6.13 u 9.2. Ikkonferma ukoll fuq domanda tal-konvenut li s-sidien tal-hwienet tal-Fgura kienu ghamlu zewg petizzjonijiet dwar dak li xtaqu u fil-fatt fl-atti huwa esebixxa wahda minnhom li hi markata bhala Dok. AD6 a fol.28 pero ighid illi huwa sar jaf b’dik datata 16 ta’ Lulju 2001 nhar l-10 ta’ Settembru 2001 wara lli kien kiteb l-ittra fil-gurnal.

Ikkonferma li l-Kunsill gie mistieden biex jattendi ghal zewg laqghat ma l-Ufficjali tad-Dipartiment tat-Toroq u mieghu kienu marru erba’ kunsilliera ohra. Qal li seta mar wahdu ghal din il-laqgha pero ma dehrlux li kellu jkun hekk izda ghazel lin-nies li haseb li setghu jghinuh.

Mistoqsi jekk ix-xoghlijiet li saru fi Triq Hompesch kienux progett tal-Kunsill jew tal-Gvern ix-xhud wiegeb li l-progett infrastrutturali sar mill-Gvern izda r-responsabilita tat-Traffic Management ghal dan il-progett kien tal-Kunsill. Jghid li pero l-Kunsill kien ilu jghamel rappresentazzjonijiet mal-Gvern sabiex isir dan il-progett ghaliex hu ma kellux flus.

Nhar it-23 ta’ Jannar 2003, il-konvenut Mark Lombardo esebixxa l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill Lokali tal-Fgura li nzammet fit-12 ta’ Gunju 2001 liema dokumenti gew markati Dok ML.

**l-Onorevoli Ministru Censu Galea** prodott mill-konvenuti fis-seduta tad-19 ta’ Frar xehed u qal illu huwa l-Ministru tat-Trasport u Komunikazzjoni u taht dan id-dekasteru hemm kompriza x-xoghlijiet li kellhom isiru fi Triq Hompesch, Fgura, u fil-fatt jispjega li dwar din it-triq kienet inqalghet kontroversja shiha bejn id-Dipartiment tat-Toroq u

l-Kunsill Lokali fis-sens dwar min kellu jaghmel ix-xoghlijiet f’din it-triq. Jghid ukoll li sahansitra il-Kunsill lokali anke spicca pprezenta xi Mandat ta’ Inibizzjoni l-Qorti biex iwaqfu lid-Dipartiment tat-Toroq milli jesegwixxi x-xoghol pero meta effettivament gew prezentati l-Qorti dawn il-proceduri ma setax ighid. Ikkonferma ukoll li verament kien iltaqa’ mal-attur Degiovanni nhar l-14 ta’ Lulju u dan kien qallu li seta jwaqqfu milli jghamlu x-xoghlijiet.

Mistoqsi jekk kellux xi laqghat mas-Sinku l-attur, ix-xhud irrisponda li kellu u li kienet laqgha normali bhal dawk il-laqghat li jkollu ma sindki ohra. In-nuqqas ta’ qbil li kien hemm f’din il-laqgha kien fis-sens ta’ min kellu jesegwixxi x-xogholijiet jekk hux il-Gvern Centrali jew jekk hux il-Kunsill Lokali. Kien biss meta inqalghat din il-kwistjoni li bdew l-intoppi. Spjega ukoll li s-Sindku kien insista mieghu li ghall-laqghat li kien hemm bejn il-Kunsill u id-Dipartiment tat-Toroq, il-Kunsill ikun rappresentat mis-Sindku u s-Segretarju biss. Huwa pero ma accetax din il-proposta ghaliex peress illi l-Kunsill huwa politikament maqsum dehrlu li ikun ahjar li l-Kunsilliera kollha jkunu prezenti. Qal ukoll li seta kien hemm hemm xi dewmien minn meta pprogettaw ix-xoghlijiet sa meta effettivament gew esegwiti.

Nhar l-20 ta’ April 2004 Darren Marmara, Sindku tal-Kusill lokali Fgura, pprezenta nota fl-atti ta’ din il-kawza fejn assuma l-atti flok Anthony Degiovanni gja sindku tal-Kunsill Lokali Fgura.(fol.77)

Nhar is-16 ta’ Gunju 2004 xehdet **il-Perit Audrey Testaferrata De Noto** prodotta mill-konvenuti u spjegat li l-uniku kuntatt li kellha mal-Kunsill Lokali, Fgura kien fil-kariga taghha ta’ Perit mad-Dipartiment tat-Toroq u dan ma Anthony Degiovanni bhala Sindku dwar il-progett tat-triq principali tal-Fgura. Qalet ukoll li kienet taf li d-

Dipartiment tat-Toroq ma kienx qed jaqbel mal-progett suggerit mill-Kunsill Lokali anzi kien kontra il-progett suggerit mill-Gvern. Tghid ukoll li l-Kunsill Lokali irnexxilu jottjeni l-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni kontra d-Dipartiment tat-Toroq u ghalhekk ix-xoghol kien waqaf.

Spjegat li fil-fehma taghha il-policy tal-Gvern fejn tirrigwarda toroq u cioe li l-qsim ta' doveri bejn il-Gvern, id-Dipartiment tat-Toroq u l-Kunsill Lokali tirrigwarda fl-ewwel lok il-klassifikazzjoni tat-toroq. It-toroq li huma arterji principali tat-traffiku f'Malta jaqghu dejjem taht l-obbligu ta' manutenzjoni tad-Dipartiment tat-Toroq senjataament meta dawn l-arterji jkunu jridu jinqalghu mill-pedament u jergghu jigu ffurmati mill-gdid. Toroq Lokali jaqghu taht id-dekasteru tal-Kunsill.

Kkonfermat li Triq Hompesch hi klassifikata bhala Local Council road u allura m'hiex arterja principali. Izda anke f'dan il-kaz pero il-Kunsill ma jistax jaqbad u jimxi wahdu irid dejjem jirreferi ghad-Dipartiment tat-Traffic Management Director ghall-approvazzjoni. Dak iz-zmien pero tghid li kien hemm it-Traffic Control Board li lilu kellhom isiru is-sottomissjonijiet. In-nuqqas ta' qbil li kien hemm bejn il-Kunsill Lokali u d-Dipartiment tat-Toroq kien limitat **biss** ghal fatt li il-Kunsill ma riedx li parti minn din it-triq tkun *one way.* Fil-fatt tghid li kieku ma sarx il-Mandat ta' Inibizzjoni d-dipartiment kien jibqa' ghaddej bil-progett.

Nhar is-16 ta' Gunju 2004 xehed il-konvenut **Mark Lombardo** minn jeddu u qal illi huwa kien kiteb l-ittra in kwistjoni fil-kapacita tieghu ta' membru tal-Kunsill Lokali tal-Fgura u dan sabiex jizblokka is-sitwazzjoni sabiex il-progett jinbeda minhabba id-dizgwid u dewmien li kien hemm. Qali li konxju ukoll li l-Kunsill kien ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra id-Dipartiment tat-Toroq biex izomm il-bidu tax-xoghol fi Triq Zabbar u li l-

mandat lahaq l-ghan tieghu ghaliex ix-xoghol ma inbediex.

In kontro-ezami nhar it-28 ta' Ottubru 2004 ighid li l-ittra li dehret fil-gurnal fit-23 ta' Awwissu 2001 (Dok A) inkitbet b'risposta ghall-ittra antecidenti tas-sur Degiovanni datata 15 ta' Awwissu 2001 liema ittra inkitbel qabel il-laqgha li kellu l-kunsill tal-Fgura ghall-liema laqgha huwa kien prezenti. Huwa minnu li f'dik is-seduta is-Sindku kien qal illi kienu ghaddejin xi trattativi mal-Gvern dwar il-progett pero huwa haseb li s-Sindku ma jafx xi tfisser il-kelma trattativi fis-sens li ma kienx qed isir ftehim. Tant li fil-31 ta' Awwissu s-Sindku ghamel Press Conference fejn informa l-pubbliku illi l-ftehim mal-Gvern ma intlahaqx. Dan nonostante x-xoghol inbeda mill-Gvern u kellu jieqaf ghaliex il-Kunsill ottjena il-hrug tal-mandat. Hu huwa ghalhekk li ma jhoss li ghandu b'xi mod jirtira l-ittra li kiteb. Qal li l-Mandat gie prezentat il-Qorti fl-4 ta' Settembru 2001 u x-xoghol waqaf ftit jiem wara.

F'dan l-istadju x-xhud gie muri id-dokument markat Dok. KL1 (li huwa l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill tal-21 ta' Awwissu 2001) fejn hemm imnizzel li "*Is-Sindku informa il-Kunsill li l-Ministru illum kien irrapurtat li qal li kienu ghaddejjin diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali Fgura"* huwa ighid li kienet l-ewwel darba li ra dak id-dokument.

Il-Kunsill lokali Fgura esebixxa seduta stante nhar it-28 ta' Ottubru 2004 numru ta' dokumenti ohra apparti id-dokument KL1 fuq imsemmi, kopja ta' estratt tal-gurnal '*The Times'* datat 22 ta' Awwissu 2001 li gie markat Dok KL2, kopja ta' estratt tal-gurnal '*In- Nazzjon Taghna'* datat 22 ta' Awwissu 2001 li gie markat Dok. KL3, ittra legali indirizzata lill-Assitent Registratur tal-Qorti datata 18 ta' Gunju 2004 li giet markata Dok. KL4, ittra mibghuta lil konsulent legali tal-attur mill-Assistant Registratur tal-Qorti datata 2 ta' Lulju 2004

flimkien ma kopja tal-Mandat ta’ Inibizzjoni u tad-digriet tal-Qorti data 17 ta’ Settembru 2001 li gew markati bhala Dok. KL5.

Il-Qorti rat in-nota ta’ referenzi tal-konvenuti pprezentata fir-registru ta din il-Qorti nhar 7 ta’ Far 2005, kif ukoll dik prezentata nhar 22 ta’ Frar 2005 mill-attur.

Illi nhar il-5 ta’ April 2005, l-konvenut ipprezenta nota ta’ referenza ulterjuri flimkien ma sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 28 ta’ Frar 2005 fl-ismijiet **Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa** sabiex isostni l-fehma tieghu li persuna guridika ma tistghax tagixxi bhala attrici f’libell bhal fil-kaz in desamina.

Illi nhar il-5 ta’ Mejju 2005, l-attur permezz ta’ rikors talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza in kwistjoni u talab lil din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta erba’ sentenzi li esebixxa flimkien mar-rikors tieghu li gew markati bhala dokumenti FGR1 ,FGR2, FGR3 U EB.

Illi nhar il-25 ta’ Ottubru 2005, l-attur nomine pprezenta rikors fejn rega’ talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dan sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tas-sentenza mghotija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-7 ta’ Ottubru 2005 fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et** fejn kienet irrispingiet it-talbiet tal-atturi. Illi l-konvenut b’rispota tieghu kien oppona ghal tali talba ghaliex stqarr Ii l-provi kienu kollha migbura u li ghalhekk ma kienx permess li f’dan l-istadju jigu esebiti aktar provi.

Illi b’digriet ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Marzu 2006 diversament preseduta din il-Qorti ddikjarat li n-noti tal-kontendenti f’dan ir-rigward ghandhom jibqghu jifformaw parti mill-atti processwali u ddiferiet il-kawza odjerna ghas-sentenza.

Illi nhar il-25 ta' April 2007 dehru l-partijiet u ghamlu l-ahhar sottomissjonijiet dwar il-fatti quddiem din il-Qorti kif preseduta stante li l-kawza odjerna giet assenjata lilha nhar l-1 ta' Frar 2007 meta din il-kawza kienet diga giet imhollija ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-principju applikabbli f'materja ta' libelli gew stabbiliti f'diversi sentenzi nostrana fosthom "**Martin Hili vs Felix Agius** (citaz. Numru 1767/97RCP PA 3 ta' Dicembru 1998), "**Ernest Tonna vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1755/97RCP PA 21 ta' April 1999) u "**Onor. Joseph Debono Grech v Joseph Zahra" (**Citaz. Numru 1739/98RCP PA l-1 ta' Lulju 1999), u **"Rev. Joseph Borg vs Felix Agius"(**Citaz. Numru 1840/97RCP PA 14 ta'Ottubru 1999) u ukoll **"Adrian Gardner vs Joe Mifsud"** tas-17 ta' Frar 2000 (Citaz. Numru 34/98RCP) fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-Kostituzzjoni ta' Malta u liberta' ta' espresjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Bniedem fejn bl-Att XIV tal-1987, illum Kap.319.

Illi fost il-principji illum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa l-bilanc li jrid jinzamm bejn "*il-bzonn li s-socjeta demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta demokratika ghandu kull dritt li jgawdi."("**Vincent Borg vs Victor Camilleri et"***** AC 15 ta' Novembru 1994 – LXXVIII.II.I.372).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta' tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa ukoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipprotegi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

In efetti fis-sentenza "**<u>Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja</u>"**(PA, N.A 19 ta' Jannar 1996) li:-

"*Il-linja mediana fejn proprio d-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprio….. fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skoretti."*

Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn 'allegazzjoni ta' fatt' u *'comment'* hija wahda illum stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

"*F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha ssir distinzjoni fejn 'alleation of fact' u dak li huwa 'fair comment'. Biex tirnexxi d-difiza tal-verita tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-'comment' biex ikun gustifikat irid ikun 'fair and bona fide,' u ma jistax jkun veru."* **(<u>Reginald Miller vs Harold Scory</u>** – XXXVI.IV.843**).**

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-'fair comment', "*jekk ma jigux ppruvati sodisfacentement, il-fatti addebitati lil kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment' ("**<u>Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"</u>** Vol XI.IV.1195; **"<u>Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit"</u>** PA. JSP 929/90 3 ta' Ottubru 1991.)*

Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men*

*of ordinary intelligence of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi '*any implication or inference which a reasonable reader would guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word.' "(J**ones vs Skelton"**(1963) W.L.R. pg 1371 PC).*

Illi fil-fatt ricentement inghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mil-assjem tal-artkolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat hemm kawza ta' libel, jekk tali allegazzjoni ma jigux ippruvati. (**"Onor. Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nominee"** A.C 8 ta' Gunju 1999**).**

Illi dan jista' jsir ukoll permezz ta' 'innuendo' li fil-kawza **"G.Strickland vs Goffredo Chretien"** (A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX.I.859) giet imfisra hekk:-
*"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba inkriminata u lli hija li tigi milqugh mill-guidikant".*

Fil-kawza "**l-Pulizija vs Joseph Olivieru Munroe" (**XXXIII.IV.824) jinghad illi:-
"*F'materja ta' ingurja permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista jkun ta' zewg xorta jiggifieri:*
*a. dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemiet b'isimha, u*
*b. dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata."*

Illi in oltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed "*ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran. U f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li*

*jaqra l-qarrej.* ***<u>"Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et"</u>*** *PA 28 ta' Novembru 1953).*

Ikkunsidrat.

Illi il-konvenuti eccepew bhala l-ewwel eccezzjoni taghhom li ma hemm xejn libelluz limitatament fil-konfront tal-Kunsill Lokali Fgura. Illi l-Qortri trid tezamina l-fatti kif prodotti mill-artijiet fid-dawl tal-ennuncjazzjonijiet maghmula aktar 'l fuq sabiex tara jekk l-attur is-Sidku ghan-nom tal-Kunsill Lokali giex malafamat bil-kitba tal-konvenut Mark Lomabrdo kif publikata mill-editur John Zammit.

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jsitghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:-

1. Illi l-atturi hassewhom illibellati u mmalafamati wara li fit-23 ta' Awwissu 2001 il-gurnal ta' kuljum "In-Nazzjon Tghna" ippublika ittra intitolata "Ix-Xoghol fi Triq Hompesch fil-Fgura".

2. Illi ma hux kontestat li l-editur registrat ta'dan il-gurnal fil-perijodu in dizamina kien il-konvenut John Zammit.

3. Illi l-ittra in dizamina giet iffirmata mill-konvenut Mark Lombardo.

Illi in sintesi l-ittra in dizamina tippatrocina s-segwenti tezi:-

1. Illi l-ittra nkitbet biex tikkoregi xi impressjonijiet zbaljati li setghu dehru f'artikolu precedenti datat 15 ta,' Awwissu 2001 rigwardanti allegat intoppi bejn il-Kunsill Lokali tal-Fgura u d-Dipartiment tat-Toroq.

2. Illi l-attur ta' din l-ittra ried isostni u jiccara il-fatt li l-intoppi li kienu jezistu f'dak iz-zmien dwar ix-xoghlijiet fit-triq de quo kienu jezistu biss bejn in-nuqqas ta rispett li kellu is-Sindku mal-

kunsilliera li ma kienx javzhom b’dak li kien ghaddej.

3. L-awtur sostna li l-Kunsill ircieva ittra datata minghand Id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq fejn kien talab li jibda bix-xoghlijiet fl-ewwel parti tat-Triq Hompesch fl-ahhar ta Awwissu u s-Sindku kien fl-1 ta’ Awwissu kien irrispondih li “Il-Kunsill mhuwiex f’posizjoni li japprova li jibdew ix-xoghlijiet”.

4. L-awtur zied ighid li din l-ittra intbaghtet minn waa dahar il-Kunsilliera u dan ghal darb ohra kif gara f’kazijiet ohra naqas li jiddiskuti jew ikkonsulta mal-Kunsilliera.

5. Jinghad ukoll li fl-ittra tieghu s-Sindku qal: ‘*li ma jirrizultalux jekk it-Traffic Control Board jew il-GRTU accetawx il-proposti tal-Kunsill.’*

6. L-awtur iheggeg il-qarrejja jaqraw l-ittra li kien baghat il-Perit Demicoli fejn stqar: ‘*li wara konsultazzjoni li saret ma dawn l-entitajiet kien jidher ovvju li ma kienx hemm gustifikazzjoni valida bizzejjed biex tintlaqa’ l-proposta tal-Kunsill.*

7. Allegatament jinghad mill-istess awtur, li fl-ittra tal-attur Degiovanni huwa qal: ‘*li l-prijorita tal-Kunsilliera ghandha tkun il-kwalita tal-hajja, is-sahha u s-sigurta tar-residenti. Spjega li ftit ta’ zmien qabel il-Kunsill ipprezenta stharrig dwar il-problema ta’ l-azzma minhabba l-kwalita tal-arja li hemm il-Fgura u fost l-affarijiet li hemm immnizla f’dan l-istharrig hemm it-tniggis tat-traffiku li jghaddi mill-qalba tal-Fgura*’ u li ghalhekk talab lidan ir-rapport ma jigix injorat u mitfuh taht it-tapit. Imbaghad ighid:*’ li hekk kien qed ighamel is-Sindku l-istess u cioe li bid-decisjoni tieghu li t-triq issir ‘one way’ huwa ikun qieghed iferrrex il-problema tat-tniggis tal-arja milli ikun hemm aktar traffiku minn toroq sekondarji.’*

8. Fl-ittra imsemmija l-awtur ighid li: *'Is-Sindku naqas li jirreferi ghall-fatt li m'ghamilx konsultazzjoni mal-Pubbliku u ……li kellu interess partiggjan.'*

9. Allega li d-decisjonijiet li jiehu s-Sidku imorru kontra r-rieda tal-poplu u ghalhekk f'dan ir-rigward is-Sindku kien differenti minnu.

10. Jikkonkludi billi ighid li s-Sindku '*mhux biss qed iwebbes rasu kontra r-rieda tal-awtoritajiet, tar-residenti u tan-negozjanti, izda qed ifixkel milli jibda x-xoghol tant mehtieg fi triq Hompesch'.*

11. Huwa sahansitra anke talab lill-Onorevoli Ministru tat-Toroq Censu Galea, u lill-Onorevoli Ministru tal-Kunsilli Lokali u Gustizzja Dr. Austin Gatt biex jintervjenu f'din il-kwistjoni sabiex ix-xoghol fi Triq Hompesch jinbeda.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut Lombardo jikkonferma li l-ittra in kwistjoni verament giet miktuba minnu u dana fil-kapacita tieghu personali kif ukoll fil-kapacita tieghu ta' kunsillier u dan ghaliex kien jaf li kien hemm hafna dizgwid ghaddej u cioe li l-progett li kellu jibda fl-ewwel ginghat ta' Settembru kien qed jigi imfixkel u ghalhekk hass li kellu jikteb l-ittra sabiex jizblokka s-sitwazzjoni bil-ghan li l-progett jinbeda. Fix-xhieda principali tieghu jghid ukoll li kien jaf li kien gie prezentat Mandat ta'Inibizzjoni sabiex ix-xoghol ma jinbediex izda fit-tieni xhieda tieghu kkorega ruhu u qal li l-mandat ma kienxgie prezentat. Huwa fl-ebda hin ma jipprova jiggustifika l-kontenut ta'l-ittra.

Jinghad u kollli l-konvenut John Zammit ma xehdx f'dawn il-proceduri.

Illi in sostern tat-tezi tal-konvnueti l-ittra in kwistjoni ma hiex libelluza fil-konfront tal-Kusill

Lokali u fit-tieni lok tammonta ghall-‘fair comment’ dwar fatti sostanzjalment korretti fir-rigward il-mertu.

Illi minn ezami ta’ l-ittra jirrizulta li l-attur hass ruhu malafamat u libellat fuq is-segwenti punti.

1. Li jigi akkuzat li qed iqarraq u jganna il-poplu tal-Fgura ghaliex l-awtur sostna li ma hemm l-ebda intopp sabiex jibda il-progett tat-Triq Hompesch.

2. Li s-Sindku jikteb l-ittri minn wara dar il-Kunsilliera u ghalhekk jonqos li jiddiskuti jew jikkonsulta maghhom.

3. Li s-Sindku ma irrizultalux li T-traffic Board u l-GRTU kienu approvaw il-proposti tal-Kunsill meta din l-informazzjoni kienet tohrog minn ittra li allegatament ircieva minghand il-Perit Demicoli.

4. Li s-sindku qed jinjora is-sahha tar-residenti ghaliex mhux qed jaghti kaz ta’ kif ser tiiu sinjalatait-triq billi b’dak propost qed iferrex il-problema tat-tniggis ta’ l-arja.

5. Li s-Sindku ma jghamilx konsultzzjoni mal-pubbliku.

6. Li s-Sindku jwebbes rasu kontra l-awtoritajiet, r-residenti u n-negozjanti.

Il-Qorti ghalhekk fliet id-dokumenti esebiti fl-atti. Jirrizulta bic-car mid-diversi xhieda li xehdu li kien hemm hafna intoppi u mhux ftit ta’ kif u min kellu jsewwi t-Triq Hompesch jekk kienx il-Gvern Centrali jew il-Kunsill. Dan il-fatt huwa anke konfermat mid-Direttur tat-Toroq. Jirrizulta ukoll li is-Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill kellhom diversi laqghat fosthom anke mal-Onorevoli Ministru tat-toroq. Illi ghalhekk il-frazi li juza l-awtur fil-kitba tieghu li s-Sindku jipprova jqarraq bir-residenti tal-

Fgura billi igieghel lir-residenti jemnu li kien s-Sindku li qed jikkreja intopp biex ix-xoghol ma jinbediex huwa totalment inveritier kif jirrzulta minn ezami tad-Dok. AD3 li jindika li kien hemm kooperazzjoni minn naha tas-Sindku sabiex ix-xoghol isir. L-awur ta’ din il-kitba huwa kunsillier ta’ l-istess Kunsill u suppost ikun qed isegwi dak li jkun ghadej u ghalhekk dak il-kumment li s-Sindku qed iqarraq huwa ingust u zgur li m’ghandux jintuza fit-test li intuza biex igieghel lir-resienti tal-Fgura li suppost ghandhom ikollhom kull rispett lejn is-Sindku taghhom jemnu li s-Sindku mhux qed juri urgulija maghha. Anke mis-semplici qari tal-minuti tal-laqghat esebiti jirrizulta bic-car li kien hemm diversi problemi mhux attribwiti lis-Sindku u li s-Sindku kien qed jghamel hiltu biex jirranga il-problema li kien hemm.

In oltre l-attur jghid fix-xhieda tieghu li ma gie kontest minn l-ebda kunsillier iehor il-fatt li huwa dejjem hadem flimkien mal-kunsilliera l-ohra u bl-approvazzjoni taghhom tant li hadd qatt ma pprezenta xi mozzjoni ta’ sfiduzja fil-konfront tieghu.

Rigward l-allegazzjoni ta’ Lombardo li ighid li s-Sindku kien ircieva protesti minghand negozjanti u nies ohra u hu ma tax kazhom hija ghal kollox inveritjera ghaliex mill-provi prodotti huwa qatt ma kien ircieva xi petizzjoni jew protest minghand xi terz, individwu resident jew negozjant mill-Fgura. F’dan ir-rigward s-Sindku esebixxa ukoll ittra markata Dok AD6 miktuba minn rappresentant tal-GRTU fejn hemm imnizzel li kien hemm xi protesta tal-hwienet pero li l-GRTU naqas li jinforma is-sindku dwarha nonostante li kellha intensjoni li tghaddihielu ‘by hand’. Ghal dan in-nuqqas zgur li ma jsitax jehel is-Sindku.

Is-Sindku jghid ukoll fix-xhieda tieghu li huwa dejjem kkonsulta mal-Pubbliku fuq diversi affarijiet u fil-fatt esebixxa Public Consultation Reports

Dok. AD6 u Dok.AD7 li l-kunsill kien ghamel mar-residenti tal-Fgura u l-Kunsill kien ibbaza r-rapport tieghu proprju a bazi ta' dawn ir-rapporti. Dok AD8, Dok AD9, Dok. AD10 , AD11, AD12 u AD13 huma dokumenti ohra li jindikaw r-relazzjoni tieghu mal-pubbliku.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost jirrizulta bic-car li l-konvenuti riedu tabilhaqq ihamgu il-gieh u reputazzjoni li kellu s-Sindku billi jimmalamafawh u jattribwulu fatti li ma kienux veri. Huwa veru li l-iskop pacifiku ewlieni ta' gazetta hu li tippublika informazzjoni u idejat fuq materja ta' interess pubbliku pero dan ma jistax isir billi jinkiteb informazzjoni li tigi manipulata biex timmolesta dak li jkun kif gara f'dan il-kaz.

Illi jirrizulta mill-atti li l-konvenut Mark Lombardo kellu kull opportunita li jara d-dokumenti esebiti fl-atti minnfejn jirrizulta li dak li qal kien malafamanti u li jgidbu l-konkluzjoni u kummenti malinni li huwa ghadda fil-kitba tieghu. Illi jinghad ukoll li anke fil-mori tal-provi dawn il-fatti inveritieri kif rapportati mill-konvenut Zammit fil-harga tal-gazetta tieghu irrizultaw kristallin li kienu foloz izda dan minkejja li ma gewx kontradetti minnu jew minn xi rapprezentant tieghu l-konvenuti insistew b'din il-procedura li damet ghaddejja sebgha snin shah u sfortunatament.

Illi fir-rigward l-eccezzjoni tal-konvenuti li ma mmalafamwx il-Kunsill Lokali, l-Qorti tiddikjara li l-attakk li sar sar mill-konvenuti fuq il-personalita tas-Sindku fil-qadi ta' dmirijietu qua Sindku u ghalhekk jekk is-Sindku ikun naqas ikun definittavement naqas fil-konfront tal-Kunsill u sussegwentement fil-konfront tal-pubbliku li jkun elegih u ghalhekk tali eccezzjoni qieghda tigi michuda. Dwar l-eccezzjoni l-ohra u cioe li dak li rapportat jammonta ghal-'fair comment', il-Qorti tirrileva fid-dawl ta' dak li gie rilevat aktar 'l fuq li l-fatti kif rtaportati huma ghal kollox inveritjeri u

ghalhekk ma jistghu qatt jammontaw ghal-‘fair comment’ u konsegwentenement iz-zewg eccezzjonijiet qieghdin jigu michuda.

GHALDAQSTANT din il-Qorti taqta’ u tiddecidi li hi sodisfatta li l-attur Sindku pprova l-kaz tieghu skond il-ligi u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-konfront tieghu.

Tiddikjara ghalhekk li l-artikolu li deher fil-harga tal-gazetta “In-Nazzjon Taghna” nhar it-23 ta’ Awwissu 2001 imsejjah “Ix-xoghol fi Triq Hompesch il-Fgura” huwa malafamanti u libelluz fil-konfront tal-attur u tikkundanna lill-konvenut Mark Lombardo ihallas lill-attur is-somma ta’ LM2,500 bhala danni u lill-konvenut John Zammit ihallas s-somma ta’ LM500.

L-ispejjes ta’ din il-kawza jithallsu in kwantu ghal hamsa minn kull sitta mill-konvenut Mark Lombardo, u in kwantu ghar-rimanenti wiehed minn sitta mill-konvenut John Zammit.”

Il-konvenuti jikkontestaw din is-sentenza bl-aggravji li gejjin:-

(1) Enti legali bhal ma hu l-Kunsill Lokali ma jistax jagixxi bhala attur f’ kawza ta’ libell;

(2) Malafama lis-Sindku ta’ dak il-Kunsill ma tammontax ghal malafama lill-istess Kunsill;

(3) L-ewwel Qorti ma ghamletx evalwazzjoni korretta tal-fatti ghal fini tal-koncett ta’ “*fair comment*”;

(4) Il-kwantum tad-danni likwidati hu esagerat;

Huwa forsi ragonevoli li jinghad illi jekk jinstab li l-appellanti ghandhom ragun fis-sottomissjonijiet taghhom kostitwiti minn xi wiehed fost l-ewwel zewg aggravji, allura

ma jkun hemm ebda utilita` li l-Qorti tintrattjeni ruhha fuq l-aggravji l-ohra sollevati;

Taht l-ewwel kap ta' aggravju l-appellanti jikkontendu illi gvern centrali jew lokali ma ghandu ebda fama jew reputazzjoni x' jippreserva. Ghas-sostenn ta' din il-kontenzjoni taghhom huma jikkampaw ruhhom b' mod partikulari fuq id-dottrina u l-kazistika Ingliza fejn din ticcirkoskrivi d-dritt ta' azzjoni minn persuna guridika ghal kaz fejn "*the defamation concerns their business*". ("**Derbyshire County Council -vs- Times Newspapers Ltd *et***", House of Lords, 18 ta' Frar, 1993). Minn naha taghhom l-appellati *nomine* jopponu dan l-argoment billi jikkontrapponu ghalih is-segwenti:-

(i) l-Artikolu 3 (2) ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kapitolu 363) jivvesti lil Kunsill, *qua* korp statutorju, b' personalita` guridika distinta;

(ii) L-Artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248) jiddefinixxi l-kelma "persuna" ghall-iskop ta' dan l-Att bhala komprensiva "ta' korp ta' persuni", sew jekk ikollhom personalita` guridika distinta sew jekk le";

(iii) Il-kazistika Ingliza ghal liema jirreferu l-appellanti ma tista' tkun ta' ebda assistenza ghall-kwestjoni mqanqla, in kwantu l-principju fiha ma jifformax parti mil-ligi u l-gurisprudenza taghna;

Mir-ricerka li ghamlet din il-Qorti fuq dan l-ahhar punt sottomess mill-appellati *nomine* jirrizultalha dan li gej:-

(1) "*Bodies of persons having a corporate personality may sue in respect of any injury caused by defamation to their corporate or collective reputation*" ("**Hon. Mabel Strickland *nomine et* -vs- Joseph James Scorey**", Appell Civili, 31 ta' Ottubru, 1938);

(2) Huwa distingwibbli minn din is-sentenza u ohrajn ta' l-istess portata illi l-Qrati rrikorrew ghall-gurisprudenza Ingliza u in partikulari ghar-riflessjoni li d-danni invokati setghu kellhom fuq il-gurnal "Times of

Malta” bhala *trading* jew *business concern*. Ara fl-istess sens “**Thomas W. Hedley *proprio et nomine* -vs- Emanuel C. Tabone *et***”, Appell Kriminali, 30 ta’ Mejju, 1953 u “**Captain Joseph E. Agius -vs- Perit Oscar Rizzo *nomine***”, Appell Kriminali, 28 ta’ Frar, 1959. Dawn ukoll kienu jikkoncernaw il-gurnal “Times of Malta” u lill-kumpanija li tipproducih. B’ mod esplicitu jinghad fis-sentenza “**Captain Joseph E. Agius *nomine* -vs- Joseph Attard Kingswell *et nomine***”, Appell Kriminali, 7 ta’ Mejju, 1960, illi “korp jew kumpanija li ghandhom karattru kummercjali jistghu jagixxu ghall-ingurja kontra min infamahom bi kliem li jaghmel hsara fir-reputazzjoni tan-negozju taghhom”;

(3) Jitnissel minn dan illi skond il-koncezzjoni tradizzjonali, influwenzata mill-gurisprudenza Ingliza, biex korp ta’ persuni jirriskwoti danni f’ materja ta’ libell, il-kliem malafamanti ried ikollhom reperkussjoni negattiva fuq dak tan-negozju taghhom;

Irid jinghad illi d-dottrina kontinentali moderna, specjalment dik Taljana, ma jidherx li thaddan din l-espressjoni ta’ fehma hekk stringenti u limitativa. Din id-dottrina ssostni illi d-dannu morali ma ghandux ikun wiehed limitat ghal persuni fizici biss in kwantu “*il danno non patrimoniale ricomprenda ogni danno non suscettibile direttamente di valutazione economica”* f’ liema kaz *“si possono risarcire anche le persone giuridiche, che, in quanto tali, non provano le sofferenza e i dolori espressi dalla tradizionale nozione di danno morale*”. Jissokta jinghad mill-**Franzoni** (“**Le obbligazioni da fatto illecito**”, Ed. Utet, 2004, pagna 561), “*In questo modo, anche le persone giuridiche possono subire un danno non patrimoniale, potendo questo configurarsi in effetti pregiudizievoli, che a prescindere dalla sensibilita` e percezione psicologica del danneggiato, si risolvono in un’ aggressione a beni immateriali, di cui anche l’ ente personficato puo essere titolare. Diventi, cosi, irrilevante il fatto che la persona giuridica, in quanto entita astratta, sia per sua natura insensibile, perche cio che viene in rilievo ai fini della risarcibilita` del danno non patrimoniale, è la*

*lesione alla sfera di dignita`, di rispettabilita` e di credibilita` nei confronti dei consociati*";

Konformement ma' dan il-hsieb hemm dak tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** fejn fis-sentenza taghha tal-10 ta' Lulju, 1991 (**Numru 7642, RCP, 1992, 89**) tghid illi, "*comprendendo il danno patrimoniale anche tutta una serie di effetti lesivi che prescindano dalla cosi detta personalita` psicologica del danneggiato è innegabile che esso sia in tesi riferibile anche ad entita giuridiche prive di fisicita. E pertanto è innegabile che ove anche gli enti personficati siano titolari di diritti non patrimoniali (come quelli alla tutela dell' onore, della reputazione, dell' identita` personale) possono allora anche essi conseguentemente subire un pregiudizio non patrimoniale dalla correlativa aggressione. In tali casi il danno non patrimoniale andando verificato nella sua oggettivita` secondo l' 'id quod plerumque accidit' sul piano del determinismo casuale, in relazione a determinati comportamenti illeciti; indipendentemente, quindi, dal fatto - che realisticamente è impossibile appurare - che 'l ente abbia effettivamente sentito l' aggressione del proprio diritto immateriale, e senza neppure cadere nell' astrazione di ritenere che la persona giuridica avverta l' offesa attraverso i soggetti fisici che ne fanno parte*";

Din il-Qorti, kif presjeduta, ittendi biex tabbraccja l-veduta esposta minn din id-dottrina guridika, tant ghaliex, in virtu tad-definizzjoni tal-ligi l-kelma "persuna" tikkomprendi anke enti guridika, tant ghaliex l-Artikolu 28 (1) ta' l-Att ma jipprovdix, b' xi limitazzjoni, illi ghat-tnissil tad-danni jrid ikollok dejjem u bilfors, sitwazzjoni li taffettwa n-negozju jew il-patrimonju ta' dik l-istess enti. Jibbasta li l-fatt lamentat li jaghti lok ghad-danni jippregudika l-immagini u l-kredibilita` tal-korp guridiku ("ittellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna"). L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint;

B' introduzzjoni ghall-indagini tat-tieni motiv ta' aggravju jirrizulta accertat illi l-ittra tal-konvenut Lombardo saret b'

rejazzjoni ghall-ittra mitbugha fl-istess gurnal mill-appellat Anthony Degiovanni fil-kariga tieghu ta' Sindku tal-Fgura. Il-Qorti mhix lesta li taccetta d-dikotomija propulsa mill-appellanti bejn il-persuna fizika ta' l-imsemmi Degiovanni u dik tal-kariga tieghu, *qua* rapprezentanti tal-Kunsill. Dan ghar-raguni ovvja illi l-attribuzzjoni ta' "qarrieqi" lancjata fil-konfront tieghu ma tistax, mill-istess kontenut tal-fatti esposti fl-ittra inkriminanti, tigi zvixxerata minn dik ta' l-imgieba ta' l-imsemmi appellat fil-qadi tad-doveri tieghu f' dak il-kwalita` rapprezentantiva tieghu. Isegwi illi l-appellat ma kellux ghalfejn iharrek fil-veste personali tieghu ghal kliem allegatament diffamatorji u inveritieri fil-konfront tieghu f' dik il-kariga. Jista' allura, jinghad illi l-Kunsill f' dan il-kaz kellu dak l-interess guridiku li jippromwovi l-azzjoni ghat-tutela gudizzjarja tieghu in kwantu l-interess tieghu kien wiehed sew definit, konkret u personali ghalih. Anke allura dan it-tieni motiv qed jigi skartat;

La din il-Qorti sabet li dawn l-ewwel zewg aggravji huma infondati, jokkorrilha tinvesti t-tielet ilment ta' l-appellanti. Huwa ferm assodat fil-gurisprudenza taghna illi ghas-success tad-difiza tal-*fair comment* irid jirrizulta li l-fatti li fuqhom isir il-kumment kritiku jridu jkunu sostanzjalment veri, kompleti u korretti. Ara, fost ohrajn, "**Reginald G. Miller -vs- Harold Scorey**", Appell Kriminali, 8 ta' Novembru, 1952 u "**Angelo Fenech *proprio et nomine* -vs- Anthony Montanaro *et nomine***", Appell Civili, 21 ta' Jannar, 1993. L-istess gurisprudenza tissokta tafferma illi meta n-narrazzjoni tal-fatti ma tkunx vera, jew tkun inkompleta f' parti rilevanti ghall-kumment, l-istess kumment isir allegazzjoni ta' fatt li, jekk ma jigix pruvat, meta dan ikun permess, jibqa' a karigu ta' min ikun ghamlu. Ara d-decizjoni f' dan is-sens fl-ismijiet "**Dr. Henry Copperstone *et nomine* -vs- Publio Schembri**", Appell Kriminali, 18 ta' Mejju, 1961;

Fil-kaz prezenti l-ewwel Qorti ma kienetx sodisfatta mill-korrettezza ta' l-esposizzjoni tal-fatti rakkontata mill-appellanti Lombardo. Ghal dik il-Qorti l-imsemmi

appellanti mhux biss naqas milli jesponi l-fatti b' mod mizurat u veritjier izda, essenzjalment, ifformolahom b' mod biex ikun jista' jghaddi l-gudizzju offensiv tieghu u b' hekk jikkolpixxi l-figura morali tal-Kunsill ikkapeggjat minn Degiovanni. Din il-Qorti ta' revizjoni ma ssibx li tista' tiddisturba din il-valutazzjoni hekk rizervata lill-ewwel Qorti fil-mertu, anke ghaliex, apparti li si tratta minn kwestjoni preponderentement ta' fatt, dik l-istess valutazzjoni hi sew sorretta minn motivazzjoni kongruwa u ezawstiva, ezenti minn difetti logici. Taht dan il-profil s-sentenza appellata jithoqqilha tigi konfermata;

Fil-kaz ta' l-ahhar aggravju din il-Qorti gja kellha okkazjoni tesprimi illi f' materja ta' libell id-danni likwidati ghandhom ikunu kommizurati mal-gravita tal-fatt, l-estensjoni tad-diffamazzjoni u l-kwalita tas-soggett lez. Ara "**Perit Dom Mintoff -vs- Saviour Balzan**", 22 ta' Marzu, 2006. Naturalment, wiehed ghandu dejjem jirrikjama ruhu ghas-sens tal-proporzjon u dak ta' l-apprezzament ekwitativ. Bl-adozzjoni ta' dawn l-istess kriterji, u tenut anke rigward illi l-malafama divulgata saret permezz ta' ittra u *di fronte* ghal korp ta' persuni, altament ta' indoli pubblika kif ukoll politika, kien forsi aktar idoneju u opportun illi r-rizarciment jitkejjel bil-gudizzju prudenzjali ta' dak il-poter diskrezzjonali affidat lit-tribunal mil-ligi. In bazi ghar-rizultanzi istruttorji kollha din il-Qorti hi tal-fehma illi ghal skop tad-determinazzjoni tad-danni rizarcitorji l-kwantum stabbilit mill-ewwel Qorti ghandu, komplessivament, jigi dimezzat ghas-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) ekwivalenti ghal tlett elef erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3494.06).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel tliet kapi ta' aggravji tilqa' r-raba' aggravju billi invece tikkundanna lill-appellanti jhallsu komplessivament is-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3494.06) in linea ta' danni. L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-appellanti fl-istess proporzjon stabbilit mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------